MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT
GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF
NOEL CUSCHIERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2013

Appell Civili Numru. 32/2011/2

**Ir-Repubblika ta’ Malta**
***v.***
**Alfred Camilleri**

1. Din is-sentenza hija dwar talba tal-Avukat Ġenerali għat-tħassir ta’ sentenza mogħtija minn din il-qorti fit-12 ta’ Novembru 2012 [“is-sentenza attakkata”] u għas-smigħ mill-ġdid tal-appell taħt l-art. 811(*l*) tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għax l-Avukat Ġenerali qiegħed jgħid illi s-sentenza attakkata kienet l-effett ta’ żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża.

2. Il-fatti relevanti huma dawn: il-pulizija kellha tagħrif dwar traffikar ta’ droga f’kaxxa li kellha tasal Malta fuq

titjira minn Londra. Meta waslet il-kaxxa l-pulizija fetħitha u sabet li kien fiha pilloli li x'aktarx kienu *ecstasy*. Il-pilloli tneħħew u l-kaxxa reġgħet ingħalqet sabiex tkun tista' ssir dik li tisejjaħ *controlled delivery*. Il-kaxxa mbagħad inġabret minn Alfred Camilleri u minn Mario Abdilla fis-7 ta' Settembru 2006 mill-uffiċċji ta' *Thomas Smith* fil-Belt Valletta u Camilleri qegħedha fid-dar ta' ommu fi Triq Sant'Ursola, il-Belt Valletta. Imbagħad Camilleri u Abdilla marru lejn iċ-Ċirkewwa iżda hemm arrestathom il-pulizija.

3. Il-pulizija ħadet lil Camilleri lura miċ-Ċirkewwa lejn il-Belt Valletta u fit-triq is-Sovrintendent (dak iż-żmien Spettur) Ciappara għamillu xi mistoqsijiet illi Camilleri wieġeb għalihom. L-għada, fit-8 ta' Settembru 2006, Camilleri reġa' ġie interrogat fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija u għamel stqarrija bla ma ngħata fakoltà li jkellem avukat.

4. Inbdew proċeduri kriminali kontra Camilleri u waqt dawk il-proċeduri saret referenza mill-Qorti Kriminali lill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha biex twieġeb għall-mistoqsija jekk inkisirix il-jedd ta' Camilleri taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"] u l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali ["il-Konvenzjoni"] "minħabba l-fatt li l-istess akkużat ma kienx ingħata l-fakoltà qabel ma ġie interrogat li jikkomunika ma' avukat ta' fiduċja tiegħu".

5. Il-Prim' Awla tal-Qorti ĊIvili f'sentenza tas-16 ta' Jannar 2012 ["is-sentenza appellata"] kienet wieġbet hekk għal referenza magħmula mill-Qorti Kriminali:

"1. Kien hemm leżjoni tad-dritt fundamentali ta' Alfred Camilleri protett mill-artikolu 6(3)(c) abbinat mal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea, u dan peress li ma kellux dritt għall-aċċess ta' avukat qabel sarulu domandi mill-Ispettur Norbert Ciappara fi Triq Sant'Ursola, Valletta u fid-dar 134, Triq Sant'Ursola, Valletta fis-7 ta' Settembru 2006.

"2. Tiddikjara li fil-kors tas-smigħ tal-proċeduri kriminali m'għandux isir użu ta' provi li jkunu jirreferu għal dak li qal Alfred Camilleri lill-Ispettur Norbert Ciappara fis-7 ta' Settembru 2006 ġewwa Triq Sant'Ursola, Valletta u fid-dar numru 134, Triq Sant'Ursola, Valletta, bi tweġiba għal domandi li għamillu l-istess spettur.

"3. Peress li l-każ qiegħed jinstema' quddiem il-Qorti Kriminali, tqis li għandha tkun dik il-qorti li tagħti ordni li tkun konformi ma' dak li ġie deċiż f'din is-sentenza dwar x'għandu jsir minn dawk il-partijiet tat-traskrizzjonijiet tax-xiehda tal-Ispettur Norbert Ciappara, Diane Fenech, PS1086 Johann Micallef u PC213 Nicolai Borg b'riferenza għal dak li qal Alfred Camilleri lill-pulizija fis-7 ta' Settembru 2006."

6. Is-sentenza appellata ġiet konfermata minn din il-qorti bis-sentenza attakkata. Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lil din il-qorti biex tikkonferma s-sentenza appellata ġew minnha mfissra hekk:

"Din il-qorti ttenni illi l-jedd li jagħtu l-Kostituzjoni u l-Konvenzjoni huwa dak għal smigħ xieraq: ma hemm ebda jedd li kull min hu suspettat, jew kull minn huwa akkużat b'reat kriminali, jiġi liberat minn dik l-akkuża, jew li akkużat jingħata l-mezzi biex, ħati jew mhux, jinħeles mill-akkuża, jew li, minħabba xi irregolarità, tkun xi tkun, min fuq il-fatti għandu jinstab ħati għandu jitħalla jaħrab il-konsegwenzi ta' għemilu. Il-jedd għal smigħ xieraq jingħata kemm biex, wara proċess fi żmien raġonevoli u bil-garanziji xierqa, min ma huwiex ħati ma jeħilx bi ħtija, u biex jingħata l-mezzi kollha meħtieġa għalhekk, u kemm biex min huwa tassew ħati ma jaħrabx il-konsegwenzi tal-ħtija tiegħu. Il-jedd għal smigħ xieraq ma jingħatax biex min hu tassew ħati jasal biex, b'xi mod jew b'ieħor, ma jweġibx tal-ħtija tiegħu. Jekk il-jedd għal smigħ xieraq, kif interpretat u applikat, iwassal għal hekk, mela hemm xi ħaġa ħażina ħafna fis-sistema tal-ħarsien tad-drittijiet.

"Għalhekk li trid tagħmel din il-qorti la huwa li tara jekk l-appellat [Camilleri] huwiex ħati jew le tal-akkużi li nġiebu kontrieh u lanqas li tara biss jekk l-appellat kellux l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni u tieqaf hemm: li għandha tagħmel din il-qorti hu illi tara jekk dak in-nuqqas wassalx għall-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq u jekk inħoloqx il-perikolu illi l-appelat jinstab ħati meta ma kellux jinstab ħati. Jekk ma hemmx dak il-perikolu, mela ma hemmx ksur.

"…

"It-tħassib ta' din il-qorti jinsorġi mill-fatt illi qabel bdiet it-tfittxija, aċċertat il-fatt illi l-appellat kien suspettat bit-twettieq ta' reat, ma ngħatax it-twissija li kellu jedd jibqa'

sieket sakemm [*recte*, sabiex] ma jinkriminax ruhu. Din il-qorti tirrespinġi l-argument tal-*compelling reasons* li ressaq l-Avukat Ġenerali illi fil-mira tal-investigaturi ma kienx l-appellat iżda t-traġitt tal-pakkett. Fil-fatt fil-mira tal-pulizija kien kemm it-traġitt tal-pakkett kif ukoll l-involviment tal-appellat u ta' Mario Abdilla ma' dak il-pakkett. Ma jistax jitwarrab il-fatt aċċertat illi qabel il-pulziija żammet liż-żewġ suspettati fiċ-Ċirkewwa, huma kienu diġà qegħdin jinżammu taħt osservazzjonijiet. Rawhom jiġbru l-pakkett mingħand l-aġenti *Thomas Smith*, rawhom jitilqu bih mill-Belt lejn iċ-Ċirkewwa, kienu arrestati ċ-Ċirkewwa u ttieħdu l-Belt minn hemm. Għal din il-qorti huwa rilevanti l-fatt illi qabel kien akkumpanjat id-dar tar-residenza ta' ommu, u qabel l-Ispettur Ciappara għamillu d-domandi, l-appellat ma kienx mgħarraf bil-jedd tiegħu li jibqa' sieket u ma jweġibx. Fiċ-ċirkostanzi, ma jistax jingħad li l-appellat kien mogħti għażla li jibqa' sieket. Fil-każ tal-lum ma hemm l-ebda allegazzjoni illi l-appellat kien mhedded jew imqarraq b'wegħdiet ta' xi vantaġġ. Hemm però il-kwistjoni, li din il-qorti tqis gravi, illi l-appellat ma ngħatax il-libertà fl-għażla jekk iweġibx jew le u b'hekk kien privat minn garanzija kontra kull preġudizzju jew riskju ta' awtoinkriminazzjoni. Fil-liġi tagħna kif kienet fiż-żmien relevanti għall-każ tal-lum, u *cioè* qabel ma daħlu fis-seħħ l-artt. 355AT u 355AU tal-Kodiċi Kriminali, il-jedd li tibqa' sieket u ma tweġibx għall-mistoqsijiet li jsirulek kien assolut u bla kondizzjonijiet. Għalkemm fiż-żmien tal-każ tal-lum, l-appellat ma setax jagħżel li jkellem avukat qabel ma jwieġeb, ma kienx liberu li jagħżel illi ma jweġibx id-domandi li saru mill-pulizija qabel u waqt it-tfittxija mill-pulizija tas-7 ta' Settembru 2006 għaliex ma ngħatax it-twissija. Din il-qorti hija għalhekk tal-fehma illi kien hemm ksur tal-jedd tal-appellat għal smigħ xieraq."

7. Relevanti wkoll is-silta li nġiebet fis-sentenza attakkata mix-xiehda li ta s-Sovrintendent Ciappara quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fl-20 ta' Settembru 2006:

"Fil-konfront ta' Alfred Camilleri, jiena fit-8 ta' Settembru wkoll kont kellimtu lil Alfred Camilleri u ħadtlu stqarrija wara li wkoll kien mogħti t-twissija. Huwa għażel li jwieġeb xi mistoqsijiet rigward l-aspett soċjali tiegħu però

għażel li ma jirrispondi għal ebda domanda li għamiltlu fil-konfront tal-kaxxa … li kien daħħal hu flimkien ma' Mario Abdilla fir-residenza tal-mamà tiegħu."

8. Minn din is-silta l-qorti fehmet illi t-twissija ngħatat lil Camilleri qabel ma għamel l-istqarrija fit-8 ta' Settembru 2006 fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, u mhux ukoll qabel ma kien interrogat mis-Sovrintendent Ciappara fis-7 ta' Settembru 2006 fit-triq miċ-Ċirkewwa lejn il-Belt Valletta.

9. Issa, b'rikors tal-21 ta' Diċembru 2012 l-Avukat Ġenerali qiegħed jitlob illi din il-qorti "*ai termini* tal-artikolu 811(*l*) tal-Kap. 12 tħassar is-sentenza tagħha tat-12 ta' Novembru 2012 … u tordna li l-istess tiġi ritrattata". Ir-raġuni għat-tħassir tas-sentenza ġiet imfissra hekk:

"… il-qorti waslet għal dawn il-konklużjonijiet in kwantu straħet kompletament u unikament fuq ix-xiehda mogħtija fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja mill-Ispettur (illum Sovrintendent) Norbert Ciappara fl-20 ta' Settembru 2006, mill-Kuntistabbli Diane Fenech tal-20 ta' Settembru 2006, mill-PS 1086 Johann Micallef tat-22 ta' Novembru 2006 u mill-PC 213 Nicolai Borg tal-1 ta' Diċembru 2006 li għalkemm qatt ma caħdu illi Alfred Camilleri ingħata d-debita *caution* mis-Sovrintendent Ciappara qabel ma dan tal-aħħar għamillu d-domandi fis-7 ta' Settembru 2006 fi Strada Sant'Ursola l-Belt, ma kinux iddikjaraw espliċitament li ngħatat id-debita *caution* qabel ma sarulu d-domandi mill-Ispettur Ciappara li għalihom għamlu referenza fix-xiehda tagħhom. Madankollu, din ix-xiehda li ngħatat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja ma tistax tinqara iżolatament. In fatti, din ix-xiehda kellha tinqara flimkien max-xiehda mogħtija mis-Sovrintendent Ciappara fl-atti ta' din l-istanza;

"Illi però, din l-onorabbli qorti kompletament naqset milli tikkunsidra dak li xehed s-Sovrintendent Norbert Ciappara quddiem l-onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fit-8 ta' Lulju 2011 …. Is-Sovrintendent Ciappara bil-ġurament tiegħu ikkonferma illi "Jiena mort fuq il-post *cioè* r-residenza ta' Triq Sant'Ursola, waslu Abdilla u Camilleri akkumpanjati mill-Pulizija u jiena tkellimt ma' Camilleri. Konna qegħdin fit-triq. ... Għarraft lil Camilleri li qed nagħmel investigazzjoni dwar id-droga u li hu ma kellu l-ebda obbligu li jweġibni

għad-domandi li ser nagħmillu" u "Lil Camilleri jiena għidtlu meta konna fit-triq illi din hija investigazzjoni dwar id-drogi u jekk fid-domandi li ser nagħmillu jħoss li b'xi tweġiba minnhom jista' b'xi mod jinkrimina lilu nnifsu għandu dritt li lili ma jagħtini l-ebda tweġiba"."

10. Alfred Camilleri wieġeb fl-1 ta' Frar 2013. Ressaq eċċezzjoni preliminari ta' nullità tar-rikors tal-Avukat Ġenerali tal-21 ta' Diċembru 2012 "għaliex it-tfassil tiegħu ma sarx b'mod sistematiku, billi, bħalma huwa meħtieġ mil-liġi, l-ewwel talba kellha tkun dik li titlob it-tħassir tas-sentenza. … [F]ejn m'hemmx talba għat-tħassir tas-sentenza, ma jistax ikun hemm smigħ mill-ġdid tal-kawża".

11. Din l-eċċezzjoni evidentement ingħatat bi żball, billi l-Avukat Ġenerali fir-rikors tiegħu talab kemm illi din il-qorti "tħassar is-sentenza tagħha tat-12 ta' Novembru 2012" u kif ukoll illi "tordna li l-istess tiġi ritrattata".

12. L-eċċezzjoni ta' nullità hija għalhekk miċħuda.

13. Fit-tweġiba hemm ukoll osservazzjonijiet dwar meta jintalab it-tħassir ta' sentenza minħabba applikazzjoni tal-liġi ħażina. Dawn l-osservazzjonijiet iżda ma humiex relevanti għall-għanijiet tat-talba li għandha quddiemha l-qorti llum billi t-talba saret taħt l-art. 811(*l*) – żball ta' fatt – u mhux taħt l-art. 811(*e*) – applikazzjoni tal-liġi ħażina – tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

14. Li hemm relevanti fit-tweġiba ta' Alfred Camilleri għall-kwistjoni llum quddiem il-qorti hija l-osservazzjoni illi "r-rikorrent ma jistax jitlob li kawża tiġi ritrattata a bażi tal-fatt li ma qabilx mal-qorti ta' kif fehmet il-fatti".

15. Din il-qorti hija tal-fehma illi fis-sentenza attakkata tassew hemm żball illi jintlaqat bid-disposizzjonijiet tal-art. 811(*l*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili:

"**811.** Kawża deċiża b'sentenza mogħtija fi grad ta' appell … tista', fuq talba ta' waħda mill-partijiet li jkollha interess, tiġi ritrattata, wara li qabel xejn tiġi mħassra dik is-sentenza, għal waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:

"…

"(*l*) jekk is-sentenza kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża.

"Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li hemm dak l-iżball, fil-każ biss li d-deċiżjoni tkun ibbażata fuq is-suppożizzjoni ta' xi fatt li l-verità tiegħu tkun bla ebda

dubju esklużа, jew fuq is-suppożizzjoni li ma jeżistix xi fatt, li l-verità tiegħu tkun stabbilita pożittivament, basta li, fil-każ il-wieħed u l-ieħor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun ġie deċiż bis-sentenza."

16. Il-fatt jekk Camilleri ngħatax it-twissija qabel ma sarulu mistoqsijiet mis-Sovrintendent Ciappara ma kienx "punt ikkontestat illi … ġie deċiż bis-sentenza". Fil-fatt il-kwistjoni kontestata ma kinitx jekk Camilleri ngħatax it-twissija iżda jekk il-fatt li ma ngħatax fakoltà li jkellem avukat kienx iwassal għal ksur tal-jedd għal smigħ xieraq.

17. Huwa minnu wkoll illi fl-atti tal-kawża hemm xiehda li tgħid illi t-twissija ngħatat lil Camilleri kemm qabel ma sarulu mistoqsijiet fit-triq fis-7 ta' Settembru 2006 u kemm qabel ma tteħditlu stqarrija fil-Kwartier Ġenerali tal-Pulizija l-għada. Li t-twissija ngħatat ukoll fl-ewwel okkażjoni jirriżulta mix-xiehda li ngħatat mis-Sovrintendent Ciappara quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-8 ta' Lulju 2011[1], għalkemm ma jirriżultax ukoll mix-xiehda fil-proċess kriminali. Kien dan il-fatt li wassal lill-qorti fl-iżball, għax qieset dak li ntqal quddiem il-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali u mhux ukoll quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili.

18. Il-qorti għalhekk straħet "fuq is-suppożizzjoni li ma jeżistix xi fatt, li l-verità tiegħu tkun stabbilita pożittivament" mill-atti tal-kawża stess, u mhux minn xi xiehda ġdida. Kien ikun mod ieħor li kieku l-qorti qieset ix-xiehda tas-Sovrintendent Ciappara iżda għażlet li ma toqgħodx fuqha; dan ma hux il-każ u għalhekk ma tqumx l-ipotesi msemmija minn Camilleri fit-tweġiba tiegħu li ma jistax jintalab it-tħassir ta' sentenza għar-raġuni biss illi min jitlob dak it-tħassir ma jkunx jaqbel mal-interpretazzjoni li l-qorti tkun tat lill-fatti. Kif ġà ngħad, dan ma kienx punt ikkontestat li dwaru l-qorti tat deċiżjoni; huwa fatt illi jirriżulta mill-atti li l-qorti iżda bi żvista ma qisitux.

19. Għandu jingħad ukoll illi s-suppożizzjoni żbaljata tal-qorti li ma kinitx ingħatat it-twissija kienet determinanti fil-motivazzjoni tagħha, għax kienet ir-raġuni għala l-qorti sabet ksur tal-art. 6 tal-Konvenzjoni.

[1] *Fol*. 12 tal-atti tal-ewwel qorti.

20. Billi għalhekk hemm l-elementi kollha għala s-sentenza attakkata għadha titħassar taħt l-art. 811(*l*) tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, il-qorti tilqa’ t-talba tal-Avukat Ġenerali, tħassar is-sentenza attakkata u tordna illi l-appell jinstema’ mill-ġdid.

21. L-ispejjeż relativi għall-eċċezzjoni ta’ nullità jħallashom Alfred Camilleri. Dwar l-ispejjeż l-oħra jkun hemm deċiżjoni fis-sentenza finali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------